MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 5(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 22 t'April 2013, fil-5:00 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Aggudikar ta' sejha ghall-offerti numru MXLC01/2013
6. Aggudikar ta' sejha ghall-offerti numru MXLC02/2013
7. Hrug ta' sejha ghall-kwotazzjonijiet numru MXLC03/2013
8. Financial statements 2012
9. Malta Inernational Fireworks Festival
10. Jum Marsaxlokk
11. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
12. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti, Seduti Numru 4 (2013) kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Angelo Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Ma kienx hemm

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku qal illi kienet inzammet laqgha ma' rapprezentanti tal-MEPA u l-GPD rigward masterplan li kien qieghed jigi propost ghall-imwejjed, siggijiet u umbrelel gewwa Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Micallef zied jghid illi wara li kienu gew diskussi proposti godda rigward problemi li kienu gew identifikati fil-pjanti originali kien intlehaq qbil bejn il-partijiet kkoncernati.

3.2 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien gie infurmat minn rapprezentanti ta' Nature Trust bil-possibilita' illi ssir *clean up day* gewwa Delimara biswit il-batterija ta' San Pawl. E.M. qal illi ghal dan il-ghan il-Kunsill Lokali gie mitlub jipprovdi *open skip* sabiex ikun jista' jitrema' fiha l-iskart li jingabar. Il-Kunsill Lokali kien ipprovda l-*open skip* u l-attivita' kienet ittellghet b'success

3.3 Is-Sindku qal illi kienet inzammet laqgha gewwa l-Kunsill Lokali organizzata mill-konsorzju EPSILON-ADI Associates li kienu gew imqabbda mill-MEPA jaghmlu xi studji b'konnessjoni mas-siti li jaqghu taht NATURA 2000. Ghal din il-laqgha li ghaliha l-Kunsill Lokali kien irrapprezentat mis-Sindku u mill-Vici-Sindku kienu gew mistiedna wkoll stakeholders ohra inkluz sidien li l-artijiet taghhom kienu jaqghu fil-konfini tas-sit NATURA 2000 gewwa l-lokalita' (Il-Ballut). Is-Sindku qal illi f'isem il-Kunsill Lokali huwa kien gibed l-attenzjoni tal-konsorzju dwar l-importanza illi fl-immaniggjar tas-sit jigi involut il-privat sabiex il-livelli ta' prezentazzjoni ta' l-istess sit ikunu jistghu jinzammu gholja.

3.4 Is-Sindku qal illi kienet tlestiet il-pjanta rigward bye-law li l-Kunsill Lokali kien ippropona ghal-lokalita' ta' Marsaxlokk u li kienet tikkoncerna karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru. E.M. qal illi madanakollu fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jaghmel modifika zghira. Huwa ppropona illi z-zoni li fihom ma kelliex tapplika l-imsemmija bye-law ikunu eskluzi biss sakemm l-ingombru ikun relatat ma skopijiet ta' sajd. Dan ghaliex fl-opinjoni tieghu, kemm il-darba fis-siti eskluzi jintefa' materjal iehor li ma jkunx relatat ma' sajd, il-bye-law kellha taghti dritt lill-Kunsill Lokali u l-awtoritajiet kkoncernati jiehu azzjoni. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill kellu jimmodifika l-bye-law sabiex tirrifletti l-punt li kien qajjem is-sur Micallef

## 4 Korrispondenza

4.1 Permezz ta' e-mail datat 18 t'April 2013, Fr.Mario Magion gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-fatt illi d-daqs tal-hofor ta' l-arbi tal-festa li kienu saru godda fi Triq Xatt is-Sajjieda huma izghar mill-hofor li kien hemm originarjament. Fl-istess e-mail, Fr.Mangion, informa lill-Kunsill Lokali illi hofor li kien hemm biswit l-istabbiliment 'rising sun', fl-istess triq ma kellhomx jiccaqilqu ghaliex kienu ser jinholqu diversi problemi. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema intlehaq qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux joggezzjona ghat-talba ta' Fr.Mangion sabiex ma jiccaqilqux il-hofor imsemmija.

4.2 Permezz ta' e-mail datat 19 t'April 2013 is-Sinjura/ina Rita Mifsud mill-Commerce Division infurmat lill-Kunsill Lokali illi sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2013 kienu ser ikunu qieghdin jintlaqghu nomini ghall-premjijiet Nazzjonali ghal Appogg lill-

Intraproza 2013. Wara li giet diskussa din il-materja kien hemm qbil illi l-Kunsillier Angelo Micallef kellu jiehu hsieb jevalwa din it-tema.

4.3 Permezz ta' e-mail datat 17 t'April 2013, is-Sinjura/ina Yanica Sammut tablet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi fi Triq iz-Zejtun jitwahhlu zewg mirja biswit proprjeta' tal-familja taghha. Dan ghaliex il-familja Sammut kien qieghed ikollha problem biex tohrog mill-proprjeta' taghha kawza ta' vetturi li jkunu ghaddejjin minn Triq iz-Zejtun. Wara li giet identifikata l-proprjeta' tal-familja Sammut, gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda problema sabiex jinhareg permess lill-familja Sammut sabiex ikunu jistghu iwahhlu l-mirja fis-sit mitlub.

4.4 Permezz ta' ittra datata 8 ta' April 2013, is-Sur Ray Vella, f'isem l-iskola sekondarja tas-subien tal-Kullegg Santa Margerita talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jaghti ktieb lill-istess skola bil-ghan illi l-ktieb jigi mghoddi lil student minn Marsaxlokk waqt Jum il-Premjazzjoni. Kien hemm qbil unanimu illi peress illi l-Kunsill Lokali ma' setax jaghti donazzjonijiet, din it-talba ma' setghetx tigi milqugha.

4.5 Permezz ta' e-mail datat 10 a' April 2013, is-Sinjura/ina Chantelle Borg talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex jittella' Bill Board fi Triq iz-Zejtun sabiex tkun tists' tinghata promozzjoni ghal attivita' li kienet ser tittella mill-organizzazzjoni Puttinu Cares. Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal din it-talba. Madanakollu kellu jsir kuntatt ma' l-ghaqda 8 ta' Mejju li f'dawk iz-zminijiet ukoll kienet tpoggi Bill Board fis-sit kkoncernat sabiex isir il-kordinament mehtieg.

4.6 E-mail datat 20 ta' Marzu 2013 li permezz tiegu Ray Abela f'isem il-kumpanija TCTC offra lill-Kunsill Lokali l-possibilita' illi b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-istess TCTC isiru korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal permezz ta' l-iskema IKIDS. Ghal din l-inizjativa, il-Kunsill Lokali gie mitlub ihallas is-somma ta' €1150 ( ghal 85 student). Wara diskussjoni libera dwar din il-materja, kien hemm qbil unanimu illi minkejja illi l-inizjativa kienet wahda tajba minhabba ragunijiet finanzjarji, il-Kunsill Lokali ma kellux jippartecipa f'IKIDS.

4.7 Permezz ta' ittra datata 22 ta' Marzu 2013, il-Perit Audrey Testaferrata de Noto, f'isem Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta kienet qieghda taghti permess lill-Kunsill Lokali sabiex fi Triq San Guzepp issir *round topped road hump*.

4.8 Permezz ta' ittra datata 8 ta' April 2013, il-Kunsill Lokali kien baghat default notice lill-Kuntrattur Ricky Caruana. Dan wara li kien gie nnotat illi t-tindif tal-latrini pubblici gewwa l-lokalita' ma kienx qieghed isir skond il-kuntratt li kien hemm bejn l-istess Sur Caruana u l-Kunsill Lokali. Fil-fatt il-Kunsill Lokali kien ircieva diversi ilmenti minghand individwi li gibdu l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-indafa tal-latrini pubblici. Wara li saru l-verifiki necessarji kien gie stabbilit illi n-nuqqas ta' indafa kienet kawza ta' negligenza min-naha tal-Kuntrattur u ghalhekk kien inhareg *default notice*.

4.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sur Steve Polidano kien talab permess sabiex ikun jista' jtella' l-opra tal-bahar tieghu fuq l-art biswit il-pitch tal-waterpolo. Is-Sur Polidano kien talab illi l-permess jinhareg sat-8 ta' Mejju 2013. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi t-talba tas-Sur Polidano ma kelliex tintleqa'. Dan peress illi l-permessi kollha li kienu inghataw precedentement kienu jaghmluha cara illi l-opri tal-bahar ma' ghandhomx jithallew fuq l-art aktar minn April.

5.10 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienet ser tkun qieghda tohrog permess ghal erba' applikazzjonijiet gewwa l-lokalita' sakemm ma tircevix oggezzjonijiet. Wara li inghataw id-dettalji ta' l-applikazzjonijiet (PA/00914/13, PA/00321/10, PA/00771/13 u PA/00796/13) gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jaghmel ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet.

5.11 Permezz ta' petizzjoni ffrimata minn numru ta' residenti ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali dwar problema li kienu qieghdin joholqu coaches li jipparkjaw gewwa Triq Axtart, Triq, Triq Melqart u Triq Bir Rikka nhar ta' Hadd. Kien hemm diskussjoni libera li matulha minbarra li kien hemm qbil illi l-ilmenti illi ressqu r-residenti kienu gustifikati, intqal illi kienet diga ingibdet l-attenzjoni tal-pulizija dwar din it-tema. Intqal ukoll illi l-istess coaches kellhom post riservat fi Triq il-Power Station ghall-gurnata kkoncernata.

**5 <u>Aggudikar ta' sejha ghall-offerti Numru MXLC01/2013</u>**

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li kienu gew ezaminati l-offerti ghal din is-sejha kienet saret il-laqgha tal-bord ta' aggudikazzjoni. Huwa zied jghid illi ghal din is-sejha, il-Kunsill Lokali kien ircieva tmien offerti. Wara li kienu gew ezaminati d-dokumenti kien gie stabbilit illi tlieta mill-offerti ricevuti kellhom xi dokumentazzjoni nieqsa u ghaldaqstant ma' setghux jghaddu ghall-fazi ta' evalwazzjoni. Is-Sur Hall qal kif il-bord kien evalwa l-hames proposti validi li kien ircieva l-Kunsill Lokali u rrakkomanda illi s-sejha tigi aggudikata lill-kumpanija V&A Services Ltd. Dan ghaliex fl-opinjoni tal-membri tal-bord l-offerta tal-kumpanija msemmija kienet l-ahjar wahda.
Wara diskussjoni dwar din it-tema, is-Sur Carmelo Bugeja ippropona illi l-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni u jaggudika s-sejha lill-kumpanija V&A Services Ltd. Is-Sur Stephen Caruana issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**6 <u>Aggudikar ta' sejha ghall-offerti Numru MXLC02/2013</u>**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva erba' offerti ghal sejha ghall-offerti numru MXLC02/2013. Hekk kif deciz waqt seduta precedent, kopja tal-offerti kienu gew mghoddija lill-Perit William Lewis sabiex isiru l-evalwazzjonijiet necessarji. Is-Sur Hall qal illi l-Perit Lewis kien evalwa d-dokumenti u ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, liema rakkomandazzjonijiet kienu inqraw lill-bord ta' evalwazzjoni. Wara li evalwa r-rapport tal-Perit Lewis flimkien mad-dokumenti tal-offerti, il-bord ta' evalwazzjoni kien irrakkomanda illi s-sejha tigi aggudikata lill-kumpanija JGC Ltd. Is-Sur Stephen Caruana ippropona illi l-Kunsill Lokali jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni u jaggudika s-sejha lill-Kumpanija JGC Ltd. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**7 <u>Hrug ta' sejha ghall-kwotazzjonijiet Numru MXLC03/2013</u>**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-*insurance coverages* tal-Kunsill Lokali kienu ser jiskadu f'Gunju 2013. Huwa zied jghid illi l-amministrazzjoni kienet innotat illi l-ammont ta' hlas dovut lill-kumpanija li kienet ser toffri l-*insurance coverages* kien jaqbez l-ammont li l-Kunsill Lokali jista' jonfoq bhala *direct order*. Ghal dan il-ghan, kien jinhtieg li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu li l-amministrazzjoni kellha tiehu hsieb tipprepara l-materjal mehtieg sabiex tinhareg is-sejha ghall-offerti.

**8 <u>Financial Statements 2012</u>**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif wara li l-Kunsill Lokali kien ipprezenta kopja tal-financial statements ghas-sena 2012 lill-Awdituri, dawn ta' l-ahhar ippropoonew li jsiru xi aggustamenti. Wara li s-Sur Hall spjega l-aggustamenti li kienet ghamlet il-kumpanija ta' awdituri u staqsa lill-Kunsilliera jekk kienx hemm xi domandi rigward din il-materja, is-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Carmelo Bugeja ressaq mozzjoni sabiex il-financial statements ghas-sena li ghalqet f'Dicembru 2012 jigu approvati. Id-Dokument gie approvat b'votazzjoni unanima.

## 9 Malta International Fireworks Festival

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kienu mexjin gmielhom it-thejjijiet ghall-Malta International Fireworks Festival li serata minnu kienet ser tittella' gewwa Marsaxlokk. Huwa zied jghid illi kienu qieghdin jittellghu laqghat regolari mal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu l-Korp tal-Pulizija ssabiex isir il-kordinament mehtieg. D.H. spjega kif ghal dak inhar ta' l-attivitajiet minbarra l-hruq tan-nar innifsu kien gie kkonfermat suq ta' l-artigjanat b'madwar 25 partecipant u kuncert muzikali li kien ser jittella' mill-ghaqda Muzikali Pompei.

## 10 Jum Marsaxlokk

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara l-ghaqdiet tal-lokal kienu inghataw cans jinnominaw individwi sabiex jinghataw rikonoxximenti ghal hidmiethom favur Marsaxlokk, il-Kunsill Lokali kien ircieva erba' nomini. Dawn kienu is-Sur Brian Bugeja, is-Sur Frans Grech, is-Sur Censu Gatt u s-Sur Joseph Baldacchino. Minbarra dawn kien hemm nomina ohra tas-Sur Martin Zerafa li kienet waslet wara z-zmien stipulat. Hekk kif deciz mill-Kunsill lokali , rapprezentanti ta' Kunsilli Lokali ohra kienu iltaqghu u rrakkomandaw illi Gieh Marsaxlokk 2013 jinghata lis-Sur Brian Bugeja filwaqt li s-sur Frans Grech jinghata rikonoxximent ghal hidmietu. Is-Sinjuri Joseph Baldacchino u Censu Gatt kienu diga' inghataw rikonoxximent fil-passat u ghaldaqstant ma kenux eligibbli.

Is-Sur Carmelo Bugeja, issekondat mis-Sur Angelo Micallef ressaq proposta sabiex hekk kif rakkomandat, Gieh Marsaxlokk 2013 jinghata lis-Sur Brian Bugeja. Kien hemm votazzjoni unanima.

Is-Sur Edric Micallef ippropona illi hekk kif rakkomandat, is-Sur Frans Grech jinghata rikonoxximent ghal hidmietu favur il-komunita' xlukkajra. Is-Sur Stephen Caruana issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, minkejja l-fatt illi n-nomina tas-Sur Martin Zerafa kienet waslet tard u ghaldaqstant ma setghetx tigi evalwata mill-bord, il-Kunsill Lokali kellu jevalwaha. Dan peress li s-sur Zerafa, ghal numru twil ta' snin hadem sfiq ghall-komunita' xlukkajra fil-qasam sportiv. Wara diskussjoni libera gie deciz illi n-nomina tas-Sur Zerafa ghandha tigi kkunsidrata. Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jirrikonoxxi l-hidma ta' dan l-individwu waqt Jum Marsaxlokk. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 11 Approvazzjoni ta' hlasijiet

11.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li gie issekondata mis-Sur Angelo Micallef, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti li huma inkluzi fl-Iskeda ta' pagamenti ( Skeda 04/2013) li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti

## 12 Affarijiet Ohra

12.1 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikteb lil Transport Malta sabiex jigbed l-attenzjoni dwar xoghol li kien sar fi Triq Lepanto. Dan peress illi

skond hu, kien ser ikun hemm problemi ta' gharghar minhabba l-livelli tat-Triq. Is-Sur Grech qal illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm lil Transport Malta responsabbli kemm il-darba issir xi hsara mill-ilma. Is-Sur Edric Micallef spjega kif peress illi x-xogholijiet kienu saru minn kuntrattur li kien gie imqabbad minn Transport Malta, awtomatikament ir-reponsabbilita' kienet taqa fuq l-istess Transport Malta u ma kienx jinhtieg illi tintbaghat l-ittra hekk kif propost mis-Sur Grech.

12.2 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fi Triq Xatt is-Sajjieda (biswit il-*hard standing facilities*) kienu intefghu numru ta' xbieki tas-sajd. Minbarra dan kien hemm xi dghajjes li kienu ilhom mitluqin fuq il-post. Il-Kunsill Lokali kien wahhal avvizi ma' kull oggett li kien hemm mitluq fiz-zona u kien qieghed jaghti sebat ijiem cans lis-sidien sabiex inehhu l-materjal minn fuq il-post. Kemm il-darba ma jitnehhewx, il-Kunsill Lokali kien ser jikkordina mal-Korp tal-pulizija sabiex jara illi z-zona titnaddaf minn kull ingombru. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi hekk kif propost.

12.3 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tieghu kien jinhtieg li ssir xi haga rigward il-fanali tad-dawl li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda ghaliex fl-opinjoni tieghu dawn ma kienux qieghdin jitfghu dawl bizzejjed u z-zona kienet qieghda tkun pjuttost mudlama. Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipprova jaghmel kutnatt ma' l-awtoritajiet kkoncernati sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi din is-sitwazzjoni tigi rrangata.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar

______________

**Edric Micallef**
**Sindku**

______________

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**